# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat

## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)

## Rikors Nru.: 90/2017 CSH

## Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 47/2017 fl-ismijiet:

## Ruth Scicluna nee' Gatt

## Vs

## Leonard Vella f'ismu u in rapprezentanza tas-socjeta' Deluxe Construction Limited (C9260)

## Illum 21 ta' Gunju 2017.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat minn Leonard Vella, f'ismu u in rapprezentanza tas-socjeta Deluxe Construction Company Limited (C9260) fejn ippremetta:

1. Illi permezz ta' ittra ufficjali numru 47/2017 ipprezentata nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017), a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent gie mitlub ihallas l-ammont ta' sitt elef, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro (€6,983), liema ammont kien allegatament jirrapprezenta danni nkorsi minn Ruth Scicluna;

2. Illi tali ittra giet notifikata lill-esponent nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena 2017;

3. Illi l-esponent wiegeb ghall-ittra ufficjali fit-terminu ta' tletin (30) gurnata permess lilu mill-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan permezz ta' ittra ufficjali responsiva bin-numru 388/2017 ipprezentata nhar is-sitta (6) ta' Frar tas-sena 2017, liema ittra responsiva giet notifikata lil Ruth Scicluna nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar 2017;

4. Illi madankollu jirrizulta li l-ittra ufficjali 47/2017 maghmula ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 giet reza ezekuttiva fl-ghoxrin (20) ta' Frar, 2017, ossia mhux biss wara li l-esponent kien diga' pprezenta l-ittra ufficjali responsiva tieghu (388/2017) izda wkoll entro t-terminu ta' 30 gurnata min-notifika li fih l-esponent kellu d-dritt li jwiegeb u jirrespingi t-talbiet maghmula permezz tal-ittra ufficjali 47/2017;

5. Illi nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, 2017 gie pprezentat minn Ruth Scicluna mandat ta' sekwestru ezekuttiv, numru 378/2017, u dan abbazi tal-ittra ufficjali 47/2017;

6. Illi a tenur tal-Artikolu 166A (5) titolu ezekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 166A ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla effett jekk fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta li *inter alia* l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) tal-Artikolu 166A;

7. Illi skond l-Artikolu 166A(3) l-ittra ufficjali ghandha jkun fiha **taht piena ta' nullita'** intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-Qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv;

8. Illi jekk wiehed jaqra l-intimazzjoni relattiva ghall-ittra ufficjali 47/2017 wiehed jinnota li tali intimazzjoni taqra hekk 'Din l-ittra ufficjali qeghda tintbaghat taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum, dan isir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali.' (sic);

9. Illi qari akkurat ta' tali intimazzjoni jizvela li din ma saritx skond il-provvedimenti tal-Artikolu 166A(3) u dan billi tali intimazzjoni la tippreciza li t-terminu ta' tletin jum jiskatta min-notifika, la li tali twegiba tista' ssir billi tigi pprezentata nota fl-atti tal-ittra ufficjali u lanqas li tali twegiba tista' tigi ffirmata u pprezentata mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' Avukat jew Prokuratur Legali;

10. Illi ghalhekk huwa evidenti li l-intimazzjoni ma saritx hekk kif jirrikjedi l-Artikolu 166A *ad validitatem* u dan billi jonqsu tal-anqas tliet elementi li lkoll jiffurmaw parti integrali mill-intimazzjoni li trid il-ligi, tant hu hekk li kull wiehed minn dawn it-tliet elementi jservi sabiex jikkawtela d-drittijiet ta' min jircievi tali tip ta' ittra ufficjali anke fid-dawl tal-effetti guridici li ghandha din it-tip ta' ittra ufficjali;

11. Illi huwa proprju ghalhekk umilment sottomess li t-titolu ezekuttiv allegatament miksub abbazi tal-ittra ufficjali 47/2017 huwa null u bla effett u ghandu jigi dikjarat rexiss;

12. Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq maghdud, l-esponent jirrileva wkoll li l-ittra ufficjali 47/2017 ma tikkostitwixxix titolu ezekuttiv stante li din ma gietx registrata skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 166B;

13. Illi l-Artikolu 166B jispecifika car u tond li l-applikant ghar-registrazzjoni ta' ittra ufficjali li tkun tikkwalifika bhala titolu ezekuttiv ghandu jipprezenta lir-Registratur tal-Qorti kopja legali tal-ittra ufficjali, inkluza l-prova tan-notifika u kopja ta' kull risposta li tkun giet ricevuta ghaliha jekk ikun hemm;

14. Illi ulterjorment l-istess Artikolu 166B jipprovdi li huwa biss meta r-Registratur tal-Qorti jircievi d-dokumenti msemmija li huwa jkun jista' jezamina d-dokumenti pprezentati, u jivverifika jekk id-debitur ipprezentax nota ta' twegiba fiz-zmien stipulat;

15. Illi ghaldaqstant, huwa bil-wisq ovvju li jekk l-ittra ufficjali 47/2017 giet reza ezekuttiva nhar l-20 ta' Frar 2017 u tali ittra kienet giet notifikata fid-19 ta' Jannar 2017 ma kienx ghadu ghalaq it-terminu ta' 30 gurnata li fih l-esponent seta' jwiegeb ghall-ittra ufficjali u naturalment, ir-

Registratur tal-Qorti ma setax jaghmel il-verifici u l-accertamenti rikjesti minnu fl-Artikolu 166B, b'dan li huwa kellu bilfors jistenna sal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar, 2017 sabiex ikun f'posizzjoni li jaghmel l-istess;

16. Illi dan qieghed jinghad stante li t-terminu ta' 30 gurnata kien jaghlaq is-Sibt, tmintax (18) ta' Frar 2017, b'dan li skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 108 tal-Kap. 12, it-terminu ghandu jigi meqjus li jiskadi fil-jum li jigi minnufih wara l-granet tas-Sibt u l-Hadd, ossia t-Tnejn 20 ta' Frar 2017;

17. Illi minn dan jirrizulta wkoll li l-ittra ufficjali 47/2017 qatt ma giet reza ezekuttiva skond il-ligi u li ghaldaqstant ma tistax tikkwalifika bhala titolu ezekuttiv abbazi ta' liema jista' jinhareg mandat ezekuttiv;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, kif ukoll ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara u tordna li t-titolu ezekuttiv allegatament miksub permezz tal-ittra ufficjali 47/2017 huwa null u bla ebda effett u li ghalhekk tordna ir-rexissjoni tieghu, u dan salv kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti, fis-savju u superjuri gudizzju taghha, jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' April 2017 fejn ordnat li ir-rikors promotur jigi notifikat lill-intimata u tatha zmien hames ijiem sabiex tipprezenta ir-risposta taghha u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-11 ta' April 2017.

Rat ir-risposta ta' Ruth Scicluna datata 17 ta' April, 2017 li permezz taghha esponiet is-segwenti:

"1. Illi din ir-risposta qeghda ssir ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, liema digriet gie notifikat lill-esponenti fil-11 ta' April, 2017;

2. Illi ai termini tal-Artikolu 166A (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, sabiex id-debitur jopponi ghat-talba tal-kreditur huwa ghandu jipprezenta nota fl-Atti tal-ittra ufficjali ezekuttiva. Izda l-konvenut ma segwiex din il-procedura u ma pprezentax nota fl-atti tal-ittra ufficjali ezekuttiva. Dak li huwa ghamel huwa li jipprezenta ittra ufficjali separata u mhux fl-atti tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A. Ghalhekk stante li huwa ma segwiex il-procedura mehtiega ai termini tal-Artikolu 166A, gie kkonsidrat li ma kienx hemm opposizzjoni ghal tali ittra ufficjali;

3. Illi huwa ghalhekk illi fl-20 ta' Frar 2017, l-ittra ufficjali 47/2017 giet reza ezekuttiva mir-Registratur tal-Qorti. Il-konvenut jikkontesta illi din giet reza ezekuttiva qabel ma ghaddew it-tletin gurnata necessarji skond il-ligi. Il-konvenut jaghmel referenza ghal Artikolu 108 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, izda dan l-Artikolu m'ghandux rilevanza f'dan il-kaz ghaliex jirregola dawk il-kazijiet meta jkun hemm vakanzi pubblici. Dan ma kienx il-kaz hawnhekk. L-ittra ufficjali 47/2017 giet notifikata lill-konvenut fid-19 ta' Jannar 2017 u ghalhekk huwa kellu sad-19 ta' Frar 2017 sabiex jipprezenta n-nota tieghu. Minhabba l-fatt illi ma kien hemm l-ebda nota annessa mal-ittra ufficjali 47/2017, fil-20 ta' Frar 2017, din l-ittra giet reza ezekuttiva.

4. Illi fil-paragrafu sebgha *et sequitur* tar-rikors tieghu, l-konvenut qieghed jallega li din l-ittra ufficjali ghandha tigi dikjarata nulla stante li l-intimazzjoni li

hemm miktuba fl-ittra ufficjali ma saritx ai termini tal-Artikolu 166A (3). Kontrarjament ghal dak li jghid il-konvenut, l-intimazzjoni tippreciza z-zmien li fih ghandu jwiegeb il-konvenut *"...u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum..."* Dwar dan l-esponenti tikkontendi li l-konvenut certament ma kienx ippregudikat mill-fatt li allegatament l-intimazzjoni ma saritx skond il-ligi ghaliex fil-fatt huwa rrisponda ghal ittra ufficjali 47/2017, kif jghid hu stess, billi pprezenta ittra ufficjali ohra numru 378/2017. Huwa l-konvenut li ma uzax il-procedura korretta u mhux l-esponenti. Huwa kellu jipprezenta nota u mhux ittra ufficjali.

5. Dwar din l-eccezzjoni illi l-intimazzjoni ma kinitx skond dak provdut fil-Ligi, l-esponenti taghmel referenza ghal Artikolu 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Hawn il-legislatur kiteb b'mod dirett kif ghandha ssir l-intimazzjoni meta jigi pprezentat rikors guramentat. Din taqra hekk:-

*(d) f'kull rikors guramentat ghandu jkun hemm stampat b'ittra cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li gej:*

"*Min jircievi dan ir-rikors mahluf kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe' minn meta jirceviha. Jekk ma tigix ipprezentata r-rispota mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex taghti d-decizjoni skond il-ligi.*

*Ghalhekk huwa fl-interess ta' min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid fil-kawza.*"

6. Minn naha l-ohra jekk issir referenza ghal kif ghandha ssir l-intimazzjoni f'kaz ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A hemm-

"(3) *L-ittra ufficjali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta' nullita' intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess, minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv*".

7. Il-legislatur ghalhekk ma hassx il-bzonn fil-Artikolu 166A li jkun hemm dik ir-rigorozita' fl-intimazzjoni li hemm meta jigi pprezentat rikors guramentat. U kif diga' inghad aktar 'l fuq, fl-ahhar mill-ahhar ma kien hemm l-ebda pregudizzju stante li l-konvenut ipprezenta ittra ufficjali.

8. B'referenza ghal paragrafu tlettax et sequitur, l-esponenti diga' rrispondiet aktar 'il fuq. Izda zzid tghid illi t-tletin gurnata kienu ghaddew, ma kien hemm l-ebda nota annessa ma' tali ittra u huwa ghalhekk illi r-Registratur tal-Qorti ma kellu l-ebda diffikolta' li jirrendi l-ittra ufficjali ezekuttiva.

9. Illi ghalhekk ir-rikors tal-konvenut ghandu jigi michud.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra."

Rat in-nota tal-intimata prezentata seduta stante nhar l-10 ta' Mejju 2017 li permezz taghha pprezentat kopja legali tal-ittra ufficjali numru 47/17 li giet markata bhala Dok AMB1 u kopja legali tal -Mandat ta' Sekwestru Numru 378/17 immarkat bhala Dok AMB 2.

Semghet lill-avukati difesnuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors promotur u dan fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2017 fejn l-avukati talbu lil din l-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat.**

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza huma is-segwenti:-

1. Illi l-intimata kienet prezentat ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra r-rikorrenti odjern nhar it-12 ta' Jannar 2017 fejn ghamlet referenza ghall-kuntratt ta' akkwist fl-Atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace datat 21 ta' Mejju 2006 li bih akkwistat *penthouse* fi Triq l-Uqija, Swieqi, liema proprjeta' skond dan il-kuntratt gie mibjugh allegatament skond il-pjanti approvati mill-Planning Authority.
2. Illi irrizulta lir-rikorrenti li meta hija giet sabiex tbiegh din l-istess proprjeta' li kienet akkwistat, giet kostretta thallas is-somma ta' €6,983 rapprezentanti spejjez inkorsi minnha sabiex ottemperat ruhha mal-Ligi.
3. Ili ghalhekk l-intimata interpellat lir-rikorrenti permezz ta' l-ittra ufficcjali fuq imsemmija sabiex ihallsuha dik l-istess somma hemm indikata fl-ittra u cioe' l-ammont ta' €6,983.
4. Illi in segwitu' din l-ittra ufficcjali giet notifikata lir-rikorrenti Leonard Vella nhar id-19 ta' Jannar 2017 (vide fol.17 tal-process).
5. Illi in segwitu' din l-ittra ufficcjali giet reza esekuttiva mir- Registratur tal-Qorti nhar l-20 ta' Frar 2017.
6. Illi r-rikorrenti kien wiegeb ghal din l-istess ittra ufficcjali permezz ta' ittra ufficcjali ohra bin-numru 388/2017 fis-6 ta' Frar 2017.

7. Ili nhar it-28 ta' Frar 2017 l-intimata pprezentat Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 378/2017 kontra r-rikorrenti a bazi ta' din l-istess ittra ufficcjali numru 47/2017 li kienet giet reza esekuttiva nhar l-20 ta' Frar 2017, liema mandat ta' Sekwestru gie notifikat lir-rikorrenti nhar is-6 ta' Marzu 2017 (vide fol. 23).
**8.** Illi in segwitu', ghaxart ijiem wara li gie hekk notifikat b'dan il-Mandat ta' Sekwestru ir-rikorrenti ipprezenta dan ir-rikors ai termini tal-Artikolu 166(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jikkontesta it-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra ufficjali numru 47/2017 peress li fil-fehma tieghu l-ittra ufficcjali ma kellhiex intimazzjoni skond kif previst mil-ligi u in oltre li l-ittra ufficjali giet reza esekuttiva mir-registratur tal-Qorti qabel iz-zmien moghti mill-legislatur sabiex l-intimat ikun jista' jipprezenta ir-risposta tieghu.

**Ikkunsidrat.**

L-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li
titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur **fiz-zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu** [1], il-Qorti tkun sodisfatta: (i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1),(2) jew (3).

[1] Enfazi ta din l-Qorti

Illi b'referenza ghar-rikors odjern huwa ta' interess dak li jistipula is-sub-artikolu (3) tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 u cioe' li :-

"*L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.*"

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi huwa car li l-azzjoni li d-debitur jista' jiehu biex jitlob in-nullità ta' titolu ezekuttiv ottenut kontra tieghu bis-sahha ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi istitwita fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat ezekuttiv jew xi att giudizzjarju iehor ibbazat fuq dak it-titolu. Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u dan ghaliex filwaqt li l-Mandat ta' Sekwestru Esekuttiv numru 378/17 gie prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Frar 2017 u notifikat lir-rikorrenti nhar is-6 ta' Marzu 2017, ir-rikors odjern gie prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Marzu 2017 u cioe' ghaxart ijiem wara li gie hekk notifikat bl-Att Ezekuttiv.

Kif spjegat fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Vincent Borg vs Shaun Risiott** nhar it-18 ta' Awwissu 2011 titolu ezekuttiv ghandu jigi rexisss una volta ma jigux rispettati r-rekwiziti ta' l-artikolu 166A(2) u (3) liema rekwiziti huma mandatorji bil-Ligi.

Filwaqt li din il-Qorti tirrikonoxxi, illi l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, min-naha l-ohra lanqas m'ghandu pero` jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Din il-Qorti trid tassikura li l-procedura li l-legislatur haseb fiha tigi adoperata u segwita fit-totatilita' taghha.

Ir-Rikorrenti jikkontendi li l-ittra ufficjali ai termini ta' l- Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 47/2017 ma fihiex il-htigijiet kollha rikjesti mill-imsemmi artikolu tal-ligi sabiex tikkostitwixxi titolu ezekuttiv u sabiex tali titolu jigi registrat, ghaliex fl-istess ittra ma giex indikat dak li jipprovdi is-sub-artikolu (3) tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 u cioe' intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta **nota** fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u **li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali**, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Minn ezami ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li r-rekwiziti li ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi jrid ikollha huma s-segwenti:

· It-talba trid tkun ghall-hlas ta' dejn, cert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta' fatt u d-dejn ma jistax jkun izjed minn €23,293.73. Jekk id-dejn ma jkunx likwidu, il-kreditur jista' jipprocedi b'din il-procedura jekk jillimita t-talba tieghu ghall-ammont ta'

€23,293.73 u jirrinunzja espressament ghal kull parti mit-talba tieghu li tista', meta tigi likwidata, teccedi s-somma ta' €23,293.73;

· Taht piena ta' nullità ghandhom jigu dikjarati b'mod car ir-raguni li fuqha tkun ibbazata t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tigi milqugha u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba;

· Ghandha tkun skond il-forma stabbilita mill-Ministru tal-Gustizzja b'Avviz Legali u taht piena ta' nullità ghandu jkun fiha intimazzjoni lid-debitur li jekk ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-ittra ufficjali billi jipprezenta **nota** fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv;

· Il-kontenut ta' l-ittra ghandu jigi kkonfermat bil-gurament mill-kreditur quddiem ir-Registratur tal-Qorti jew quddiem Prokuratur Legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht il-Kap.79 tal-Ligijiet ta' Malta;

· Trid tkun diretta fil-konfront ta' debitur li hu prezenti f'Malta u ma jistax ikun minuri jew persuna inkapacitata skond il-Ligi u id-dejn ma jistax ikun dovut minn eredità gjacenti. Ma jistghux jigu mahtura kuraturi deputati fil-kuntest ta' dawn il-proceduri;

· Ghandha tigi notifikata lid-debitur izda ma tistax tigi notifikata bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3),(5) jew (6) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawk ir-rekwiziti ta' ittra ufficjali mahruga ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li huma mehtiega taht piena ta' nullità huma indikati espressament fil-ligi stess u certament ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li zzid rekwiziti u per di più mehtiega *ad validitatem,* meta l-istess Legislatur ma jkunx ghamel dan!

Jinzel minn dan kollu li nghad illi meta l-att ta' l-ittra ufficcjali gie mill-intimata fformulat b'dik il-mankanza "*tat-talba kif prevista fis-sub artikolu (3) u cioe b'intimazzjoni li ir-rikorrenti kellu jipprezenta* **nota** *li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali,*", l-istess ma tistax titqies idoneja biex tirraggungi l-iskop volut mil-legislatur ghaliex din hi karenti minn dak l-element essenzjali, l-istess hi affetta minn nullita` insanabbli u ghaldaqstant ma tistax lanqas tissarraf fl-ammissibilita' taghha bhala strument siewi ghat-titolu ezekuttiv espress bil-Mandat ta' Sekwestru.

Illi mhux argument kif donnha qalet l-intimata li ir-rikorrenti wiegeb ghal din l-ittra ufficjali taghha permezz ta' ittra ufficcjali ohra u ghalhekk kien l-istess rikorrenti li ma rregolax ruhu skond il-ligi. Il-fatt li r-rikorrenti pprezenta ittra ufficcjali ma jnqqasx mill-obbligu tal-intimata li tipprezenta l-atti gudizjajri skond il-modalita' li xtaq il-legislatur. In oltre apparti l-fatt li l-intimata ma indikatx li kellha tigi prezentata nota, hemm ukoll nieqes dik il-parti tal-intimazzjoni fejn ir-rikorrenti kellu jinghata pre-avviz fejn gie infurmat li huwa seta' jirrespingi t-talba maghmula fil-konfront tieghu b'nota li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-

debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali.

Stante li l-formalita' rikjesta mil-Ligi fil-prezentata tal-ittra ufficcjali ma gietx segwita, l-Qorti ma thossx li hemm lok sabiex tiddiskuti jekk effettivament l-ittra ufficcjali prezentata mill-intimata gietx dikjarata reza esekuttiva qabel il-waqt propizju taghha.

**Konsegwentement a bazi tar-ragunament moghti mill-Qorti aktar 'il fuq, it-talba tar-rikorrenti qed tigi milqugha u ghalhekk qieghda tilqa' t-talba rikorrenti sabiex tiddikjara r-rexxissjoni tat-titolu esekuttiv naxxenti mill-mandat ta' Sekwestru Esekuttiv numru 378/2017.**

**L-ispejjez huma a karigu tal-intimata.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**